MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 9/2005/1

**Isabella Borg**

**vs**

**Carmelo Camilleri Furniture Limited**

**Il-Qorti,**

Bis-sentenza taghha tas-6 ta’ Settembru, 2006 din il-Qorti kienet hemm hassret is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi moghtija fis-17 ta’ Novembru, 2005 ghall-motivi fiha kkontemplati. Linejarment ma’ din id-decizjoni taghha l-Qorti rrikorriet ghall-awzilju ta’ l-espert tekniku nominat minnha ghall-iskop li jkollha konoxxenza aktar approfondita u specjalizzata tal-fatt rilevanti kontrovertit mill-kontendenti;

Essenzjalment, fil-perizja tieghu l-konsulent tekniku rriskontra difett fid-disinn tal-faxxa ta’ fuq fit-tmien bibien

kommissjonati mill-attrici appellata. Dan fis-sens illi skond l-opinjoni tieghu ma kienx hemm simetrija uniformi fit-truf taghhom, u li l-kawza ta' dan kienet tirrisali ghal bidu tal-process tal-manifattura taghhom meta nqatghu bil-*bandsaw*. Irid jigi osservat illi din il-valutazzjoni tal-konsulent tekniku ma gietx skossa fil-kors ta' l-eskussjoni, u lanqas, del resto b'xi opinjoni teknika kuntrarja li tqieghed gravement fid-dubju l-accertament tekniku minnu sottomess;

Issa hu veru li l-gudikant fil-mertu ma huwiex vinkolat bid-deduzzjonijiet ta' l-espert mahtur minnu, anke ghaliex skond il-ligi procedurali hu jista', fil-funzjonijiet tieghu, jigbed awtonimament il-konkluzjonijiet logici u guridici li, mill-materjal probatorju offert, jidhirlu aktar attinenti ghall-konvinciment tieghu. Ara Artikolu 681, Kapitolu 12. B'danakollu, kif jinsab profess fi skorta ta' decizjonijiet, fejn l-interpretazzjoni tal-mertu tal-kwestjoni tkun tirrikjedi gharfien tekniku jew xjentifiku specjalizzat, ossija dak il-*giudizio dell'arte* li tippreciza d-decizjoni fl-ismijiet "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1967, mhux ghal Qorti li tiddissenti leggerment mill-"forza perswasiva u konvincenti tal-motivazzjoni tar-rapport tal-periti" ("**Constantino Gauci -vs- Annunziata Xerri *et***", Appell Civili, 15 ta' Mejju, 1967). *Multo magis,* imbaghad, fejn ma tirriskontra ebda gustifikazzjoni biex hekk taghmel;

Fil-fattispeci tal-kaz prezenti l-Qorti tirrikonoxxi konvincenti u kondivizibbli il-valutazzjoni tal-perit tekniku u, gjaladarba, l-element objettiv tad-difformita fid-disinn riskontrat minnu ma jinsabx attakkat, b'mod adegwat u sodisfacenti, minn kritika perswasiva l-Qorti ma tistax, fic-cirkustanzi, ma tuniformax ruhha mal-konkluzjoni tieghu;

Jinzel b'konsegwenza minn dan stabbilit illi s-socjeta` konvenuta appellanti ma adempietx ruhha kif imiss mar-regoli ta' l-arti u tas-sengha u, allura, ghall-produzzjoni ta' dak ir-rizultat utli aspettat mill-attrici li kkummissjonatlu x-

xoghlijiet. Ir-rikjam li taghmel il-ligi fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili ghad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja, oggettivament konsiderata, kellha tinduciha ghal dak l-akkorgiment illi l-konoxxenza tar-regoli teknici kellu jissarraf f'ezekuzzjoni tajba tax-xoghlijiet u b'mod li l-prodott ahhari jkun idoneju u ta' sodisfazzjon ghall-interess kreditorju tal-parti l-ohra fil-kontrattazzjoni. Dan l-obbjettiv ma ntlahaqx fil-kaz prezenti u tali jikkostitwixxi inadempiment, jew adempiment inezatt tal-prestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta li kien jintitola lill-attrici testingwi r-rapport obbligatorju u tirrikjama lura d-depozitu li hallset.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, prevja l-adozzjoni tal-perizja teknika, takkolji t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lura lill-attrici s-somma depozitata ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) ekwivalenti ghal sitt mija tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) b'dan li l-bibien jibqghu ta' proprjeta` tas-socjeta` konvenuta. L-ispejjez gudizzjarji relattivi jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------